# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 20 ta' Marzu 2002**

**Avviz. numru 957/01**

**Numru 43**

**HSBC Home Loans (Malta) Limited**

**vs**

**Victor u Emanuela sive Lily konjugi Vella**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' erba t'elef u sitta u erbghin lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm4,046.53) dovuta in kwantu ghal tlett t'elef tmien mija u wiehed u erbghin Lira Maltija u hamsa u hamsin centezmu (Lm3,841.55) bhala kapital u mitejn u erba Liri Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm204.98) bhala interessi sal-14 ta' Novembru, 2001, fuq kont ta' self numru wiehed sitta zero zero tnejn tlieta tlieta seba' (16002337) (Dok A) in forza ta' kuntratt ta' self datata 1 ta' Gunju 1991, (Dok B) u iehor ta' konservazzjoni tal-

priviliegg datat 6 ta’ Settembru 1991 (Dok C) atti Nutar Antoine Agius.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datati 6 ta’ Settembru, 2000 (Dok D) u 10 ta’ Novembru 2000 (Dok E) u bl-interessi skond il-ligi mill-15 ta’ Novembru 2001 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi minn Fol 2 sa Fol 15 tal-atti kif ukoll in-nota a fol 24 tal-istess atti li biha l-ammont mitlub gie ridott bl-ammont ta’ Lm165 stante pagament fil-mori tal-kawza.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont kif ridott u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fis-6 ta' Marzu 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm3881.53,0 bl-imghaxijiet

legali mill-15 ta' Novembru 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tas-6 ta' Settembru 2000 u tal-10 ta' Novembru 2000.

Alan Calleja
Deputat Registratur